IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TRADUZZJONI

IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Din l-istqarrija ta' privatezza tipprovdi informazzjoni dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-data personali tiegħek.

Dikjarazzjoni ta' Privatezza għal-Laqgħat u l-Avvenimenti organizzati mill-Kummissjoni Ewropea

Operazzjoni tal-ipproċessar: Kompetizzjoni Juvenes Translatores

Il-Kontrollur tad-Data: Il-Kummissjoni Ewropea *Id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni, DGT.02*

Referenza tar-reġistrazzjoni: DPR-EC-01063

Werrej

1. **Introduzzjoni**
2. **Għaliex u kif nipproċessaw id-data personali tiegħek?**
3. **Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-data personali tiegħek?**
4. **X'data personali niġbru u nkomplu nipproċessaw?**
5. **Għal kemm żmien inżommuha d-data personali tiegħek?**
6. **Kif nipproteġu u nissalvagwardjaw id-data personali tiegħek?**
7. **Min għandu aċċess għad-data personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?**
8. **X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?**
9. **Informazzjoni ta' kuntatt**
10. **Fejn tista' ssib aktar informazzjoni dettaljata?**

1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") hija impenjata li tipproteġi d-data personali tiegħek u li tirrispetta l-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor u tkompli tipproċessa d-data personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data (li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001).

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega r-raġuni għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek fil-kuntest tal-konkors Juvenes Translatores. Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega r-raġuni għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek, il-mod kif niġbru, nittrattaw u niżguraw il-protezzjoni tad-data personali kollha pprovduta, kif tintuża dik l-informazzjoni u liema drittijiet għandek fir-rigward tad-data personali tiegħek. Hija tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-Data responsabbli li miegħu tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

L-informazzjoni dwar l-operazzjoni tal-ipproċessar ta' **Juvenes Translatores 2026-2027**, li huwa organizzat mid-*Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni,* Unità DGT.02 – Komunikazzjoni – tal-Kummissjoni Ewropea, hija ppreżentata hawn taħt.

2. Għaliex u kif nipproċessaw id-data personali tiegħek?

Il-finijiet tal-operazzjoni tal-ipproċessar: L-unità tad-DĠT DGT.02 – Komunikazzjoni – tiġbor u tkompli tipproċessa d-data personali tiegħek biex tipprovdilek informazzjoni dwar il-konkors ta' Juvenes Translatores (qabel, matul u wara) u attivitajiet relatati mal-konkors (i.e. esperjenza/attivitajiet alternattivi tal-Juvenes Translatores offruti mill-kollegi tad-DGT fl-Istati Membri tal-UE, sessjonijiet ta' taħriġ online offruti mill-istudenti universitarji tal-Master's Ewropea fit-Traduzzjoni (EMT)), u biex tipproċessa l-applikazzjoni tiegħek għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni u fl-attivitajiet relatati mal-konkors.

Il-parteċipanti fil-konkors u l-attivitajiet relatati mal-konkors jistgħu jiġu fotografati, iffilmjati u rrekordjati, f'format mhux editjat jew b'editjar tekniku meħtieġ.

Dan jinkludi l-fotografija, l-iffilmjar u r-reġistrazzjoni awdjovidjo tar-rebbieħa tal-konkors, l-għalliema u l-ġenituri/adulti responsabbli rikonoxxuti tagħhom matul żjara ta' 3 jum fi Brussell, li għaliha huma mistiedna. Din iż-żjara tinkludi ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet li tixxandar fuq l-internet dirett. Xi parteċipanti jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fit-tħabbira online tar-rebbieħa, li tixxandar fuq l-internet dirett.

Ritratti u reġistrazzjonijiet awdjovidjo jistgħu jintużaw fuq il-kanali diġitali tal-Kummissjoni Ewropea (kontijiet ta' Instagram u Facebook tad-DĠT, sit web uffiċjali tal-JT, YouTube, Linkedin) biex jikkomunikaw dwar il-konkors Juvenes Translatores u attivitajiet relatati mal-konkors, u biex jippromwovu l-multilingwiżmu, u t-tagħlim tal-lingwi u jinfurmaw dwar attivitajiet li l-Kummissjoni Ewropea toffri lill-istudenti tal-iskejjel sekondarji u lill-għalliema tagħhom.

Il-parteċipanti tal-konkors, l-għalliema u l-ġenituri/adulti responsabbli rikonoxxuti tar-rebbieħa li ma jixtiqux ikunu parti mill-attivitajiet ta' streaming u ta' reġistrazzjoni/pubblikazzjoni fuq l-internet għandhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għall-ipproċessar billi jibagħtu email lil DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu qabel l-avvenimenti tal-Juvenes Tralatores bi preżenza fiżika jew online. F'dan il-każ, il-kontrollur tad-data jipprovdi soluzzjoni alternattiva. Id-data personali tiegħek mhix se tintuża għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, inkluż għat-tfassil tal-profili.

3. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-data personali tiegħek?

L-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' Juvenes Translatores huma legali skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni).

L-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data personali tal-kelliema għaċ-ċerimonja ta' premjazzjoni u l-attivitajiet relatati mal-konkors tal-Juvenes Translatores li magħhom ikun ġie konkluż kuntratt, jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet kuntrattwali. Għaldaqstant, dak l-ipproċessar huwa meħtieġ u legali skont l-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (l-ipproċessar huwa meħtieġ għat-twettiq ta' kuntratt li s-suġġett tad-data jkun parti għalih, jew sabiex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-data qabel ma jidħol f'kuntratt).

Il-kunsens tiegħek huwa meħtieġ għal:

- it-teħid ta' ritratti, reġistrazzjoni awdjovidjo u streaming fuq l-internet ta'/fl-avvenimenti u l-attivitajiet fil-kuntest tal-konkors Juvenes Translatores.
- l-ipproċessar tad-data personali tiegħek relatata mar-rekwiżiti tad-dieta u/jew mar-rekwiżiti ta' aċċess għall-binjiet tal-istituzzjonijiet tal-UE;
- l-ipproċessar tal-lista tal-parteċipanti taċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet tal-Juvenes Translatores u avvenimenti oħra relatati mal-konkorsi li fihom ismek, l-iskola, il-pajjiż ta' oriġini, u l-belt;
- l-ipproċessar tad-data personali tiegħek bl-għan li tinfurmak u tistiednek għall-attivitajiet relatati mal-konkors tal-Juvenes Translatores dwar il-multilingwiżmu u t-tagħlim tal-lingwi li l-Kummissjoni Ewropea toffri lill-istudenti u lill-għalliema tal-iskejjel sekondarji.

Jekk tagħti l-kunsens tiegħek, inti tkun qed tawtorizzana b'mod espliċitu tiegħek skont l-Artikolu 5(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1725 biex nipproċessaw id-data personali tiegħek għal dawk l-iskopijiet speċifiċi. Tista' tagħti l-kunsens tiegħek permezz ta' att affermattiv ċar billi timmarka l-kaxxa/i fuq il-formola ta' reġistrazzjoni online tal-kompetizzjoni. Ħu nota li hemm bżonn tal-kunsens tiegħek biex tipparteċipa fil-konkors Juvenes Translatores.

Il-kunsens tiegħek għall-ipproċessar tad-data personali għal dawn il-finijiet jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe waqt:

- Jekk tixtieq tirtira l-kunsens tiegħek, jekk jogħġbok ibgħat email lil DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu.

4. X'data personali niġbru u nkomplu nipproċessaw?

Se tinġabar u tiġi pproċessata aktar d-data personali li ġejja:

- dettalji ta' kuntatt tal-adult responsabbli tal-iskejjel parteċipanti (kariga/titolu, isem, kunjom, isem tal-iskola, belt, pajjiż, indirizz tal-posta elettronika, numru tat-telefown);
- id-dettalji ta' kuntatt (l-isem, il-kunjom, l-isem tal-iskola, il-belt, il-pajjiż) u d-data tat-twelid tal-istudenti li daħlu fil-kompetizzjoni jew f'attivitajiet relatati mal-konkors;
- se tinġabar data dwar iċ-ċittadinanza, il-passaport jew in-numru tal-karta tal-identità u d-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza tiegħu, l-indirizz elettroniku, in-numru tat-telefown sabiex is-suġġetti tad-data jkunu jistgħujiġu mistiedna għall-attivitajiet relatati mal-konkors tal-Juvenes Translatores u jkunu jistgħu jiksbu aċċess għall-bini fejn isiru ċ-ċerimonja ta' premjazzjoni u avvenimenti oħra;
- rikjesti marbuta mal-ikel (jekk ikun hemm) u rekwiżiti speċifiċi ta' aċċess.

5. Għal kemm żmien inżommuha d-data personali tiegħek?

Il-Kontrollur tad-Data jżomm id-data personali tiegħek biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq il-għan tal-ġbir jew tal-ipproċessar ulterjuri.

Għal kull waħda mill-kategoriji tad-data personali li tiġi pproċessata, dawn huma d-dettalji dwar iż-żamma u r-referenza għar-rekord rilevanti ta':

- Id-data personali kollha relatata mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-kompetizzjoni Juvenes Translatores (din tinkludi l-informazzjoni mogħtija matul ir-reġistrazzjoni, qabel, matul jew wara l-avveniment) titħassar **sena** wara l-aħħar operazzjoni ta' proċessar konnessa maż-żjara ta' 3 ijiem fi Brussell.
- Id-data sensittiva relatata mar-rikjesti marbuta mal-ikel u/jew mar-rekwiżiti ta' aċċess titħassar malli ma tkunx għadha meħtieġa għall-iskop li għalih tkun inġabret fil-kuntest tal-konkors tal-Juvenes Translatores, imma mhux iktar tard minn **xahar** wara t-tmiem taċ-ċerimonja ta' premjazzjoni.
- Ir-reġistrazzjonijiet mill-web-stream taċ-ċerimonja ta' premjazzjoni se jinżammu għal **sentejn** qabel ma jitħassru mis-sit web EUROPA. Ir-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-00306(Web-streaming tal-avvenimenti tal-Kummissjoni) fih iktar informazzjoni. Ir-reġistrazzjonijiet se jibqgħu disponibbli għall-pubbliku fuq il-kanal YouTube Translating Europe għal massimu ta' 5 snin. Reġistrazzjonijiet sħaħ jew il-partijiet tagħhom jistgħu jinżammu fl-arkivji tad-DĠ Traduzzjoni għal perjodi itwal bl-għan li jiġu promossi l-multilingwiżmu u t-tagħlim tal-lingwi. Madankollu, il-parteċipanti tal-avveniment iżommu d-dritt li jitolbu t-tħassir tad-data personali tagħhom, inklużi vuċi jew immaġni identifikabbli, fejn applikabbli skont l-Artikolu 17 tal-GDPR ("id-dritt li jkun minsi"). Tali talbiet se jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ, f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.
- F'każ ta' reġistrazzjoni awdjoviżiva u ritratti li jingibdu waqt iż-żjara ta' 3 ijiem fi Brussell jew attivitajiet oħrajn relatati mal-konkors tal-Juvenes Translatores, ir-reġistrazzjonijiet u r-ritratti jinżammu għal **12-il xahar** wara ż-żjara qabel ma jitħassru. Ir-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-01937 (Reġistrazzjoni awdjoviżiva tal-laqgħat) fih iktar informazzjoni. Madankollu, xi reġistrazzjonijiet u ritratti awdjoviżivi jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' promozzjoni tal-kompetizzjoni għal perjodu ta' żmien itwal abbażi tal-kunsens espliċitu minn parteċipanti individwali involuti, li madankollu jżommu d-dritt li jitolbu t-tħassir tad-data personali tagħhom, inklużi vuċi jew immaġni identifikabbli.
- Id-data personali kondiviża mad-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea biex il-parteċipanti jkollhom aċċess għall-bini tal-Kummissjoni tinżamm għal **6 xhur** wara t-terminazzjoni tar-rabta bejn is-suġġett tad-data u l-Kummissjoni. Ir-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-00655 (Sistema għall-Kontroll tal-Aċċess Fiżiku għall-Bini tal-Kummissjoni (PACS, Commission Physical Access Control System)) fih iktar informazzjoni.
- Fornituri ta' servizzi magħżula għal finijiet organizzattivi (bħal fornituri, aġenti tal-ivvjaġġar jew organizzazzjonijiet ta' ġestjoni ta' avvenimenti) huma kuntrattwalment marbuta li jipproċessaw data personali f'isem u f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-kontrollur tad-data, iżommu kunfidenzjali kwalunkwe data li jipproċessaw u jipproteġuha minn aċċess, użu u żamma mhux awtorizzati.

6. Kif nipproteġu u nissalvagwardjaw id-data personali tiegħek?

Id-*data* personali kollha b'format elettroniku (ittri elettroniċi, dokumenti, bażijiet tad-data, lottijiet tad-data mtellgħa f'sistema, eċċ.) tinħażen fis-servers tal-Kummissjoni Ewropea. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar kollha jitwettqu skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom)

2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

Il-kuntratturi tal-Kummissjoni huma marbutin bi klawżola kuntrattwali speċifika għal kull operazzjoni ta' proċessar tad-data personali tiegħek f'isem il-Kummissjoni, kif ukoll bl-obbligi ta' kunfidenzjalità li jitnisslu mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ("GDPR" - ir-Regolament (UE) 2016/679).

Sabiex tipproteġi d-data personali tiegħek, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa li jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-data, it-tibdil tad-data jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u n-natura tad-data personali li tkun qed tiġi proċessata. Il-miżuri organizzazzjonali jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-data personali biss għall-persuni awtorizzati bi ħtieġa leġittima ta' tagħrif għall-finijiet ta' din l-operazzjoni tal-ipproċessar.

7. Min għandu aċċess għad-data personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?

L-aċċess għad-data personali tiegħek jingħata lill-persunal tal-Kummissjoni responsabbli biex iwettaq din l-attività ta' proċessar u lil persunal ieħor tal-Kummissjoni awtorizzat skont il-prinċipju tal-"ħtieġa ta' tagħrif". Dan il-persunal jirrispetta l-ftehimiet statutorji, u jekk ikun meħtieġ, ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità.

Nistgħu wkoll naqsmu l-informazzjoni tiegħek ma' kuntratturi esterni rilevanti għall-finijiet tal-organizzazzjoni tal-ivvjaġġar tar-rebbieħa tal-kompetizzjoni u parteċipanti oħra taż-żjara ta' 3 ijiem fi Brussell għal attivitajiet oħrajn relatati mal-konkors tal-Juvenes Translatores.

L-ismijiet tar-rebbieħa u tal-iskejjel tagħhom, flimkien mal-ismijiet tal-pajjiżi u l-bliet tal-oriġini tagħhom, l-ismijiet tal-iskejjel, kif ukoll it-traduzzjonijiet rebbieħa se jiġu ppubblikati fuq il-kanali ta' komunikazzjoni diġitali tal-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-kunsens mogħti meta wieħed jidħol fil-kompetizzjoni.

Nistgħu wkoll nirriproduċu, nagħmlu disponibbli, nippubblikaw, inqassmu, nikkopjaw, nimmodifikaw u narkivjaw ir-ritratti u l-filmati, u noħolqu derivattivi (adattamenti) bl-użu tal-vidjo jew tar-ritratt kollu jew ta' kwalunkwe parti minnhom; Barra minn hekk, nistgħu nużaw ir-ritratti u r-reġistrazzjonijiet awdjovidjo waħedhom jew flimkien ma' elementi oħra, fi kwalunkwe forma jew mezz (test, data, immaġnijiet, ritratti, illustrazzjonijiet, animazzjonijiet, grafika, segmenti tal-vidjo, dokumenti stampati, siti web u kwalunkwe materjal elettroniku jew materjal ieħor). Nistgħu naqsmu ritratti u filmati ma' udjenzi esterni fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni diġitali tal-Kummissjoni Ewropea.

Cookies

Il-cookies huma fajls b'test qasir maħżuna fuq apparat (bħal kompjuter, tablet jew telefown) meta wieħed iżur sit web. Il-cookies jintużaw għall-funzjonament tekniku ta' sit web (cookies funzjonali) jew għall-ġbir ta' statistika (cookies analitiċi).

Ir-reġistrazzjoni għall-konkors tal-Juvenes Translatores issir permezz ta' sit web tal-Kummissjoni Ewropea. Il-cookies maħżuna mill-Kummissjoni Ewropea għal dan l-iskop fuq l-apparat tar-reġistrant huma koperti mill-politika tal-cookies tal-Kummissjoni, li ssibha hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/cookies_mt.

Meta żżur is-sit(i) web tal-konkors tagħna u meta tirreġistra, aħna nżommu l-istorja tal-brawżer taż-żjara tiegħek għal mhux iktar minn ***xahar***. L-informazzjoni mbagħad titħassar. Il-ġbir, l-aggregazzjoni u l-anonimizzazzjoni tal-attivitajiet isiru fiċ-ċentru tad-data tal-Kummissjoni Ewropea taħt miżuri ta' sigurtà adegwati.

Il-cookies jinħażnu minn Europa Analytics, is-servizz korporattiv li jkejjel l-effikaċja u l-effiċjenza tas-siti web tal-Kummissjoni Ewropea fuq EUROPA. Ir-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-00083 (Europa Analytics) fih iktar informazzjoni.

Mhuwiex neċessarju bilfors li tippermetti l-cookies biex is-sit web jaħdem, iżda bihom ikollok esperjenza ta' bbrawżjar aħjar. Tista' tħassar jew timblokka dawn il-cookies, imma jekk tagħmel hekk xi karatteristiċi tas-sit web tal-laqgħa/tal-avveniment jaf ma jaħdmux kif suppost.

L-informazzjoni marbuta mal-cookies ma tintużax biex jiġu identifikati s-suġġetti tad-data b'mod personali u d-data tal-mudell tinsab taħt il-kontroll assolut tal-Kummissjoni. Dawn il-cookies ma jintużaw għal ebda għan ieħor ħlief dak deskritt hawnhekk.

Jekk ma tixtieqx li d-data personali tiegħek tkun disponibbli għall-istatistiki anonimizzati u aggregati tagħna, tista' tagħżel li tirrifjuta l-kunsens tiegħek fuq il-paġna tal-cookies tagħna. B'mod partikolari, tista' tikkontrolla u/jew tħassar dawk il-cookies kif tixtieq.

Għodod tal-IT għal partijiet terzi, inkluża l-Media Soċjali

Nużaw għodod tal-IT ta' partijiet terzi biex ninfurmaw u nippromwovu l-konkors Juvenes Translatores u attivitajiet relatati mal-konkors, it-tagħlim tal-lingwi, il-multilingwaliżmu u l-proġetti tal-UE għaż-żgħażagħ u l-għalliema tal-iskejjel sekondarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni użati b'mod wiesa', inkluż il-media soċjali. Għal informazzjoni ddettaljata dwar l-użu tal-media soċjali mill-Kummissjoni Ewropea, ara r-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-00073 (Użu tal-Media Soċjali mill-Kummissjoni Ewropea).

Tista' tara l-filmati; xi wħud minnhom jittellgħu fuq YouTube, u tara r-ritratti meħuda matul iċ-ċiklu kollu taċ-ċiklu Juvenes Translatores u l-attivitajiet relatati mal-konkors fuq is-sit web uffiċjali u l-media soċjali ta' Juvenes Translatores (YouTube, Facebook, Instagram, u Linkedin).

Sabiex tiġi protetta l-privatezza tiegħek, l-użu tagħna ta' għodod tal-IT ta' partijiet terzi biex naqbdu ma' dawk is-servizzi ma jistabbilixxix cookies meta l-paġni tas-sit web tagħna jinfetħu fuq il-kompjuter tiegħek (jew apparat ieħor), u lanqas ma tittieħed immedjatament lejn dawk il-midja soċjali jew siti web oħra. F'każ biss li tikklikkja buttuna jew tara video, cookie tal-kumpanija tal-media soċjali kkonċernata se jiġi installat fuq l-apparat tiegħek. Jekk ma tikklikkja ebda buttuna jew video tal-media soċjali, ebda cookie ma jiġi installat fuq l-apparat tiegħek minn partijiet terzi.

Sabiex tara dan il-kontenut ta' parti terza fuq is-siti web tagħna, se jkun hemm messaġġ ta' twissija li jeħtieġ li taċċetta dawk it-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċifiċi ta' dawk il-partijiet terzi, inklużi l-politiki tagħhom dwar il-cookies, li fuqhom il-Kummissjoni ma għandha ebda kontroll.

Nirrakkomandaw li l-utenti jaqraw bir-reqqa l-politiki ta' privatezza rilevanti ta' Youtube, Facebook, Instagram, u LinkedIn qabel ma jużawhom. Dawn jispjegaw il-politika ta' kull kumpanija għall-ġbir tad-data personali u l-ipproċessar ulterjuri, l-użu tagħha tad-data, id-drittijiet tal-utenti u l-modi kif l-utenti jistgħu jipproteġu l-privatezza tagħhom meta jużaw dawk is-servizzi.

L-użu ta' għodda tal-IT ta' parti terza b'ebda mod ma jimplika li l-Kummissjoni Ewropea tapprovahom jew li tapprova l-politiki ta' privatezza tagħhom. Jekk xi waħda jew aktar mill-għodod tal-IT ta' parti terza ma jkunux okkażjonalment disponibbli, ma naċċettaw l-ebda responsabbiltà għal nuqqas ta' servizz minħabba l-perjodu ta' qtugħ tagħhom.

8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?

Inti għandek drittijiet speċifiċi bħala "suġġett tad-data" skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari d-dritt li taċċessa d-data personali tiegħek u li tirranġaha f'każ li din id-data ma tkunx eżatta jew ma tkunx kompluta. Fejn ikun applikabbli, għandek id-dritt tħassar id-data personali tiegħek, tagħmel restrizzjoni fuq l-ipproċessar tad-

data personali tiegħek, toġġezzjona għall-ipproċessar u għandek id-dritt għall-portabbiltà tad-data.

Għandek id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek, li jitwettaq legalment skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Inti tajt il-kunsens biex tipprovdi d-data personali tiegħek lill-Kontrollur tad-Data għal din l-operazzjoni tal-ipproċessar. Tista' tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin billi tinnotifika lill-Kontrollur tad-Data permess ta' email f'dan l-indirizz DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu. L-irtirar tal-kunsens tiegħek mhux se jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar imwettaq qabel ma tkun irtirajt il-kunsens.

Tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-Kontrollur tad-Data, jew f'każ ta' kunflitt lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data. Jekk ikun meħtieġ, tista' tindirizza wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. L-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom tinsab fl-Intestatura 9 hawn taħt.

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-kuntest ta' operazzjoni tal-ipproċessar speċifika waħda jew aktar, fit-talba tiegħek ipprovdi d-deskrizzjoni tagħhom (jiġifieri r-referenza(i) tar-reġistrazzjoni tagħhom kif speċifikat fl-Intestatura 10 hawn taħt).

9. Informazzjoni ta' kuntatt

- **Il-Kontrollur tad-Data**

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jew jekk għandek xi kummenti, mistoqsijiet jew xi tħassib, jew jekk tixtieq tressaq ilment rigward il-ġbir u l-użu tad-data personali tiegħek, inti liberu tikkuntattja lill-Kontrollur tad-Data f'dan l-indirizz DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu.

- **L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni (DPO)**

Tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu) dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-data personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

- **Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)**

Inti għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (edps@edps.europa.eu) jekk jidhirlek li nkisru d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali mill-Kontrollur tad-Data.

10. Fejn tista' ssib aktar informazzjoni dettaljata?

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni (DPO) jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni Ewropea, dawk li jkunu ġew iddokumentati u nnotifikati lilu. Tista' taċċessa r-reġistru bil-link li ġejja: http://ec.europa.eu/dpo-register.

Din l-operazzjoni tal-ipproċessar speċifika ġiet inkluża fir-reġistru pubbliku tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data bir-Referenza tar-reġistrazzjoni li ġejja: DPR-EC-01063.